# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 15

It-Tlieta 21 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**21 ta' Lulju 2020**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 15.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**15.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-14

**15.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 14 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**15.3.01** Il-Kunsill irċieva abbozz ta' Bye-Law (mill-Kunsill Lokali San Lawrenz) dwar it-Tnaqqis ta' Inkonvenjent. Dan jittratta skart iġġenerat minn postijiet tal-btala (appartamenti, studios, vilel, maisonettes, djar tal-belt, djar terraced u kull akkomodazzjoni oħra) u livelli ta' storbju. Il-Kunsill ġie mitlub mir-Reġjun ta' Għawdex biex jiddiskuti dan l-abbozz u jekk il-Kunsill jaqbel miegħu din il-Bye Law tiġi adattata fir-Reġjun ta' Għawdex. Il-Kunsill tal-Għasri qabel ma' dan l-abbozz u jixtieq li dan jiġi adattat fil-lokalità tal-Għasri. Din il-materja ser tiġi diskussa waqt il-laqgħa tar-Reġjun li ser issir nhar il-Ħamis 6 t'Awwissu permess tat-*Teams*. Is-Sindku ser jattendi għal din il-laqgħa.

**15.3.02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-ERA dwar "Protection of Wied il-Mielaħ u l-Inħawi tal-Madwar". Din l-*area* tinkludi l-*area* ta' Wied l-Għasri. Dan is-sit issa huwa żona speċjali ta' konservazzjoni u t'importanza internazzjonali u żona ta' ħarsien speċjali.

**15.3.03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Regjun Għawdex dwar Festival tal-Bizzilla ġewwa l-Croatia. Il-Kunsilliera ma jafu lil ħadd mill-Għasri li jaħdem il-bizzilla.

**15.3.04** Emajl mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *Call Requesting Collaboration from Local Councils – Pruning of Palms to be used in Fisheries.*

**15.3.05** Emajl mingħand id-Dipariment għall-Gvern Lokali dwar l-*Animal Welfare Scheme*. Il-prijorita' ta' din l-iskema hija fuq *cat cafes* u *dog parks*.

**15.3.06** Emajl mingħand Eco Gozo dwar *European Mobility Week* bejn is-16 u t-22 ta' Settembru.

## 15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:

**15.4.01** Liza Mintoff informat lill-Kunsill li kellha talba biex titranġa it-triq li tagħti għall-bajja ta' Wied il-Għasri. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li din it-triq titqaxxar ħalli l-blat jiġi llevelat u b'hekk ma jkunx hemm bżonn *patching*. Peress li din l-*area* issa

ġiet parti miż-żona speċjali ta' konservazzjoni u ta' mportanza internazzjonali u żona ta' ħarsien speċjali jista jkun li trid permess biex isir xogħol ta' manutenzjoni. Il-Kunsill ħa jagħmel talba lill-Ministeru għal Għawdex għat-tiswija ta' din it-triq. Din it-triq taqà taħt ir-responsibilita' tal-Gvern Ċentrali peress li qatt ma saret.

**15.4.02** Sammy Saliba qal li hu kellu talba biex tiġi organizzata ħarġa għall-Kemmuna bħas-sena preċedenti. Il-Kunsilliera qablu li din tiġi organizzata fl-aħħar t'Awwissu fis-26 jew fis 27 tax-xahar.

## 15.5 Problema bil-Ħamiem fl-Għasri.

**15.5.01** Fuq talba tas-Sindku l-Kunsill irċieva *email* mingħand l-AKL dwar il-Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ. Peress li kien hemm tibdil fl-amministrazzjoni tal-Gvern, il-proċess biex jiġi kkontrollat il-ħamiem selvaġġ kellu jerġgħa jibda mill-ġdid. L-AKL qed tistenna risposta. Il-Kunsill ġie nformat li l-Kunsill jista' jieħu miżuri li jidhirlu biex itaffi l-problema temporanjament. Il-Kunsill għandu jistaqsi lill-Pulizija dwar liema miżuri huma permissibbli u wara jalloka baġit għal dan il-għan.

## 15.6 Attivita' ta' Traditions 2020.

**15.6.01** L-*entertainment* għall-attivita' ta' 'Traditions' huwa ppreparat. Hemm tlett gruppi li ser jieħdu sehem. Il-Kunsilliera talbu sabiex il-Kunsill jitlob li jkun hemm servizz tax-xarabank sal-11:00. Il-Kunsill għandu jitlob lil Transport Malta għal din l-estenzjoni tas-servizz. Is-Sindku ssuġġerixxa li jkun hemm ukoll wirja ta' skultura fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ġiet diskussa l-problema tal-COVID-19 u peress li din il-wirja tkun ġewwa. Din il-materja għandha tiġi diskussa mal-esebitur u l-Kappillan.

## 15.7 Jum l-Għasri u Premju Ġieħ l-Għasri.

**15.7.01** Ġiet iffisata d-data tad-19 ta' Settembru għall-quddiesa ta' radd il-ħajr u jingħata l-Premju Ġieħ l-Għasri. Is-Sindku ssuġġerixa li din is-sena l-premju jingħata lill-Dr. Theresa Cutajar, ambaxxatur ta' Malta fit-Turkija. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan is-suġġeriment. Is-Sindku għandu jinforma lil Dr. Cutajar dwar dan. Jekk taċċetta probabilment id-data tinbidel peress li din tinsab imsiefra.

## 15.8 Proġett ta' *area* ta' Rikreazzjoni.

**15.8.01** Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu ġie nfurmat mill-kap ta' l-iskola Laura Vicuna li ser jagħmlu oġġezzjoni għall-applikazzjoni tal-Kunsill tal-proġett tal-*area* ta' rikreazzjoni. Dan minħabba li l-*parking* ħa jitneħħa. Inġibdilha l-attenzjoni li dik it-triq hija privata (propjeta tal-parroċċa) u mhux suppost li jkun hemm karozzi pparkjati. Intaeħaq ftehim sabiex ikun hemm parti tat-triq magħluqa f'ħinijiet ta' ftuħ u għeluq tal-iskola sabiex jidħlu l-vetturi tat-trasport tat-tfal.

## 15. 9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda ta'Pagamenti;

**15.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-15 biex tkun approvata mill-Kunsill. I-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 15.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**15.10.01** Il-laqgħa ntemmet fid-20.45 u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 19 t'Awwissu fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, it-Tlieta 21 ta' Lulju 2020.

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv